MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 83/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Camilleri talli fit-28 ta' Novembru 2003, ghall-habta tal-15.40, fir-Rabat, saq il-vettura Nru EBY 564 b'manjiera perikoluza.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' mhux anqas minn tliet xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Marzu 2004 li permezz

taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Paul Camilleri hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal multa ta’ mitt liri Maltin (Lm 100), kif ukoll issospendietu mil-licenzji tas-sewqan kollha tieghu ghal perijodu ta’ tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Paul Camilleri pprezentat fid-29 ta’ Marzu 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant jikkonsistu, fil-qosor, fis-segwenti: li mill-kumpless tal-provi ma jirrizultax ir-reat addebitat lill-appellant peress illi dak li ghamel kien li rreagixxa fl-ahhar hin ghal vettura li hargitlu minn *side road* meta hu kellu d-dritta; li ma jissussistux l-elementi ta' sewqan perikoluz; li fl-aghar ipotesi kellha tirrizulta l-kontravvenzjoni ta' sewqan b'giri aktar milli jmissu.

Dawn l-aggravji jirrikjedu fl-ewwel lok apprezzament mill-gdid tal-provi. L-unici zewg xhieda dwar l-incident in kwistjoni kienu Maria Theresa Briffa li kienet riekba fix-xarabank misjuq mill-appellant u l-*enforcement officer* 28 Emanuel Mifsud li rcieva r-rapport minghand Briffa. Peress li x-xiehda taghhom ma kinitx traskritta, din il-Qorti semghethom *viva voce*.

Skond **Maria Theresa Briffa**, hija kienet bilqieghda fl-ewwel *seat* fuq ix-xarabank ghaddejjin minn Triq Gorg Borg Olivier, ir-Rabat, sejrin fid-direzzjoni tal-Buskett meta l-appellant "ha skoss", hi ma setghetx izzomm u bdiet ittir u tahbat ma' kullimkien sakemm spiccat taht il-*windscreen*. Hija spjegat li l-iskoss kien dovut ghall-fatt li l-appellant ha *brake* qawwi meta hargitlu karrozza mill-

genb. Skond ix-xhud l-appellant kien qed isuq bi speed. Meta ha l-*brake* baqa' miexi ftit.

**Emanuel Mifsud** xehed li fit-28 ta' Novembru 2003 huwa rcieva telefonata minghand Maria Theresa Briffa li qaltlu li kienet riekba fix-xarabank in kwistjoni u x-xufier kien qed isuq b'mod perikoluz u waqqaghha u ghamlet xi tbengil. Huwa kellem lill-appellant li qallu li kien hariglu van Transit minn go *side road* u kellu jzomm *brake* bil-fors. Qal li kien saqsa lill-appellant dwar l-ispeed u wiegbu li ma tistax tispidja fit-triq in kwistjoni peress illi bil-kemm jghaddu zewg karrozzi fiha, u inoltre dakinhar kienet kemm kemm xita u ghalhekk it-triq kienet *"a bit slippery"*.

M'hemm l-ebda dubju li t-triq mnejn kien ghaddej l-appellant hija triq pjuttost dejqa u fiha numru ta' toroq laterali li minnhom jistghu jisporgu vetturi ohra. Maria Theresa Briffa stess tikkonferma li l-appellant ha *brake* meta hargitlu karrozza minn wahda minn dawn it-toroq laterali. Min ikun ghaddej minn triq principali, bhalma kien ghaddej l-appellant, ghandu d-dritta izda xorta jrid izomm *a proper look-out* u jsuq bi speed li <u>mhux biss ma jeccedix dak regolamentari izda lanqas ma jeccedi dak dettat mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument</u>. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Roger Bugeja** fit-30 ta' Gunju 1962 (Vol. XLVI.iv.873) intqal hekk:

*"Speed eccessiv wahdu mhux tabilfors hu speed perikoluz, imma jista' jkun tali f'determinati cirkustanzi (App. Krim. 'Pul. vs. Sapiano', 23 ta' Jannar 1960; 'Pul. vs. Galea', 5 ta' Novembru 1960); u f'dawk ic-cirkustanzi speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari, ghax il-limiti allura jkun impost mill-prudenza, dettata mill-fatturi ambjentali tal-mument (ara wkoll Crim. Law Review, Dec. 1961, pp. 835-836)."*[1]

Issa f'dan il-kaz m'hemmx dubju li meta l-appellant ibbrejkja, dan ghamlu tempestivament u dan qieghed

---

[1] Ara wkoll Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Neville John Psaila**, 20 ta' Marzu 2003; **Il-Pulizija v. Francis W. P. G. Zarb Adami**, 7 ta' Frar 2003; **Il-Pulizija v. Stephen Zammit**, 10 ta' Lulju 2002; **Il-Pulizija v. Kenneth Borg**, 18 ta' April 2002; **Il-Pulizija v. Anthony Chircop**, 11 ta' April 2002; **Il-Pulizija v. Robert Pace**, 11 ta' Gunju 2001.

jinghad peress illi ma sehhitx kollizjoni in vista tar-reazzjoni tieghu. Jigifieri huwa kien qieghed izomm *a proper look-out*. Fl-istess hin, ic-cirkostanzi juru li l-appellant kellu litteralment isammar il-*brakes*. Din hija l-unika interpretazzjoni logika tal-mod kif Maria Theresa Briffa taret minn fuq is-*seat* taghha u, bhalma xehdet hi stess, "habtet ma' kullimkien". Jekk l-art kienet imxarba minhabba x-xita, aktar u aktar l-appellant kellu l-obbligu li jsuq bi speed baxx. Dan huwa indikattiv ta' sewqan inqas milli prudenti ghal-lokalita` fejn sehh l-incident in kwistjoni. Izda jista' jiffigura bhala sewqan perikoluz?

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta’ Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

*“**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta’ sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta’ sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta’ esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita’ ta’ sewqan ta’ dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta’ 1-imsemi artikolu 15 bhala sewqan ‘bi traskuragni kbira’. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta’ sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta’ traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m’ghandux jiehu minhabba l-probabbilita’ ta’ hsara li tista’ tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. **Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta’ perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta’ taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi 1-hin u l-lokalita’ ta’ l-incident u l-presenza o meno ta’ traffiku iehor jew ta’ nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f’kaz partikolari jista’ jaqa’ taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta’ sewqan, f’liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta’ konkors ta’ reati. Ghall-finijiet ta’ piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess*

*keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara* ***The Police v. Charlotte Chamberlain,*** *Appell Kriminali, 21/5/96)".*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul. v. Charles Bartolo,*** *14.3.59,* ***Pol. v. Wilson*** *[Vol. XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. v. Alfred Vella*** *[Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim.* ***Pul. v. Hardingham,*** *19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. v. Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. v. Joseph Aquilina,*** *20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. v. Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, fic-cirkostanzi rizultanti mill-provi, ma jistax jinghad li jirrizulta *"recklessness"* fil-mod ta' sewqan ta' l-appellant u ghalhekk fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmula, is-sewqan tieghu ghandu jiffigura bhala sewqan traskurat. Konsegwentement il-piena ghandha tirrifletti din il-konkluzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi <u>tirriforma</u> s-sentenza appellata billi: <u>tirrevokaha</u> in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitt liri Maltin (Lm100) u ghas-sospensjoni tal-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata u <u>minflok</u> issibu hati talli

fit-28 ta' Novembru 2003 ghall-habta ta' 3.40 p.m., fir-Rabat, saq il-vettura numru EBY-564 b'manjera traskurata u, wara li rat l-art. 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50) u tiskwalifikah mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' tmint ijiem, liema perijodu jibda jiddekorri minn nofs-il lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------